MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1294/2002

**Magri Autocare Limited.**

**-vs-**

**Paola Motors Limited, Dr Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio fil-kapacita taghhom bhala likwidaturi tas-socjeta’ Paola Motors Limited, gja Daewoo (Malta) Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta’ konvenuta kienet qabbdet is-servizzi tas-socjeta’

attrici sabiex taghmel diversi servizzi, fosthom, trattament ta’ kontra sadid fuq diversi vetturi illi hija kienet timporta tal-marka Daewoo;

Illi l-bilanc dovut ghall dawna s-servizzi jammonta ghall hdax-il elf, sitt mija u disa u tletin Liri Maltin, tlieta u hamsin centezmu (Lm11,639.53), liema somma kien gie accettat kemm mis-socjeta konvenuta meta kienet ghadha fi stat kummercjali, kif ukoll mill-likwidaturi tas-socjeta konvenuta, wara li dina marret fi stat ta’ falliment;

Illi, qabel mas-socjeta’ konvenuta dahhlet fi stat ta’ falliment, rappresentant tas-socjeta konvenuta kien halla seba karozzi tal-marka Daewoo Matiz ‘S’ b’titolu ta’ rahan mas-socjeta attrici, u dana in garanzija tal-hlas tal-bilanc hawn fuq imsemmi u qatt ikkontestat mis-socjeta konvenuta;

Illi, sussegwentement is-socjeta konvenuta dahlet fi stat ta’ falliment u, wara ftehim milhuq mal-likwidaturi, tali vetturi gew mghoddija lill-likwidaturi minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta’ rahan li s-socjeta attrici kienet tgawdi fuq tali vetturi;

Illi l-likwidaturi tas-socjeta konvenuta qieghdin jikkontestaw il-validita’ tar-rahan moghti lis-socjeta attrici mir-rappresentant tas-socjeta konvenuta;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjara illi s-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u disa u tletin Liri Maltin, tlieta u hamsin centezmu (Lm11,639.53) hija dovuta lis-socjeta attrici mis-socjeta’ konvenuta ghall-servizzi ta’ trattament kontra s-sadid u servizzi ohra relatati fuq diversi vetturi li kienet timporta s-socjeta konvenuta;

2. tiddikjara illi s-socjeta attrici kienet inghatat, b'titolu ta' rahan, seba karozzi tad-ditta Daewoo Matiz 'S', u ghandu jitqies bhala validu minn data illi dina l-Qorti tistabilixxi;

3. tillikwida u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u disa u tletin Liri Maltin, tlieta u hamsin centezmu (Lm11,639.53) jew somma ohra illi dina l-Qorti tiddeciedi, rappresentanti servizzi ta' trattament kontra s-sadid u servizzi ohra relatati fuq diversi vetturi li kienet timporta s-socjeta konvenuta;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data meta l-vetturi inghataw b'rahan jew data ohra li tigi hekk stabbilita mill-Qorti sad-data tal-hlas effettiv, konntra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Joseph Magri, I.D. 168948(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-23 ta' Lulju, 2003 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-ammont dovut mhux ta' Lm11,639.53, ghax sar pagament ta' Lm834.78 mill-likwidaturi ghax-xoghol li sar mis-socjeta' attrici fuq is-seba vetturi li kienu fil-pussess taghha, u ghalhekk l-kreditu preciz huwa ta' Lm10,804.75;

2. Illi huwa minnu illi s-socjeta' attrici ghaddiet il-vetturi lura lill-likwidaturi u dan minghajr pregudizzju ghall-allegat titolu ta' plegg u preferenza;

3. Illi ma giex ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-likwidaturi illi dan il-plegg kien jezisti u illi dawn is-seba vetturi kienu f'idejn is-socjeta' attrici fil-kors ordinarju tal-provista tas-servizzi taghha u illi l-kreditu preciz ta' Lm10,804.75

huwa amess izda bhala kreditu semplici, li ma jistax jithallas qabel kredituri ohrajn li ghandhom krediti privileggiati;

4. Illi l-allegat plegg mhux minnu, u jekk ma jigix ippruvat s-socjeta' attrici ghandha tehel l-ispejjes tal-kawza;

5. Illi anki jekk sar ftehim ta' plegg (dato ma non concesso) izda fi zmien qabel l-likwidazzjoni tal-Paola Motors Limited u fil-perjodu kontemplat mill-Att dwar il-Kumpaniji (1995) dan ghandu jitqies bhala "fraudulent transaction" li skond l-istess Att ghandu jitqies bhala bla effett.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi l-punt in kostestazzjoni f'din il-kawza huwa jekk il-kreditu in kwistjoni hux kopert bi plegg ta' seba' karozzi li kienu jinsabu fil-pussess ta' l-istess socjeta' attrici.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma dawn. Is-socjeta' attrici kellha fil-pussess taghha seba' vetturi proprjeta' tal-konvenuti biex isir l-*anti rusting treatment.* Dan kien isir regolarment. Kien qed ikun hemm dewmien fil-hlas u fl-ahhar kien hemm bilanc ta' circa hdax-il elf Lira Maltin (Lm11,000). Skond l-affidavit ta' Joseph Magri direttur tal-kumpanija attrici Magri Autocare Limited a fol 21 tal-process, is-socjeta' konvenuta kienet regolarment rimport l-karozzi minn barra u meta kienu jintbghatu ghat-trattament ghandhom kienu jinzammu hemm sakemm jinbieghu. Kienu jahdmu fuq bazi ta' kont kurrenti bejnithom. Xi zmien il-kont tela' mhux hazin u kien kellem lil Henry St John li kien imexxi l-kumpanija

konvenuta u dan flmiken mad-direttur l-iehor Joe Scicluna offrewlu li jzomm il-karozzi bhaal rahan u hu accetta. Gara izda li ftit wara l-Bank of Valletta il jidher li kellu ipoteka favur tieghu talab il-konsenja taghhom u wara li rega' kellem liz-zewg diretturi msemmija accetta li jaghtihom il-vetturi kollha eccetto sebgha li zamm ghandu. Xi tmien xhur wara pero' gie nterpellat mil-likwidaturi tas-socjeta' konveuta biex jirrilaxxja l-vetturi u ghalhekk sar ftehim li bih fil-waqt li baqghet impregudikata l-kwistjoni tal-plegg, il-vetturi kollha gew ritornati lill-likwidaturi.

Fl-affidavit tieghu Henry St John tista' tghid jikkonferma dak li qal Magri. Huwa kien informah bit-talba tal-Bank of Valletta fit-22 ta' Awwissu, 2000. Meta gie kontra-ezaminat qal li l-kumpanija marret in likwidazjoni f'Novembru tas-sena 2000 u l-ftehim tieghu ma' l-attur sar circa tard fl-1999 jew kmieni fis-sena 2000. Pero' kkonferma li fl-1999 gie kien dahal il-bank fit-tmexxija tal-kumpanija minhabba l-interess tieghu li jigbor il-kreditu li kellu. Ma saret ebda skrittura meta sar il-ftehim illi l-attur izomm il-karozzi bhala rahan. Skond ix-xhud; "*Sa fejn naf... kienet .. agreement ma' Mr Magri ghax konna at very close terms ghax kien jaqdina kemm jista' jkun. Ovvjament meta l-ammont tela' ghal Lm11,000 fuq rust proofing ... is a substantial amount. Wara li kien akkomoda lill-kumpanija very generously, it would have been unfair.*"

Importanti hafna, ghall-fini ta' din il-kawza, hija d-deposizzjoni in kontro-ezami ta' Joseph Magri (fol 44 et sequitur). Huwa qal li ftiehem fuq il-plegg mas-socjeta' konvenuta ftit wara li kien ircieva l-ittra ta' St John f'Awwissu 2000. Ri-ezaminat, qal li l-vetturi kienu ilhom ghandu ghaliex anke xhur qabel kemm St John u kemm Scicluna kienu serrhulu rasu li ladarba l-vetturi kienu ghandu, ma kellhux ghalfejn jinkwieta ghaliex kien jithallas zgur. Kontro-ezaminat ghal darb'ohra kkonferma li x-

xoghol ta' *anti-rust proofing* kien ghamlu fuq struzzjonijiet tal-likwidaturi li kienu se jhhallsuh tax-xoghol stess.

Gew esebiti a fol 53 il-Form L datata 23 ta' Novembru, 2000, a fol 37 et sequitur ittra tal-bank lill-atturi, fol 38 ittra ta' St John lill-atturi fejn informawh bit-talba tal-bank li jiehu l-vetturi (datata 22 ta' Awwissu, 2000) u ittra ta' l-attur lill-bank (24 ta' Lulju, 2000) fejn talab li jithallas permezz tal-vetturi li kienu ghandu, fil-waqt li a fol 40 gie esebit *statement* bil-kont u l-hlasijiet li saru mill-konvenuti. Dan juri li l-kont sploda mnn elfejn Lira Maltin (Lm2,000) circa fil-bidu tal-1999 ghal iktar minn ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) fil-bidu tal-2000. Ghalhekk jindika li gia' fl-1999 kien hemm diffikoltajiet finanzjari da parti tas-socjeta' konvenuta.

Id-dispozizzjoni tal-ligi nvokata mill-konvenuti huwa l-Artikolu 303 tal-Att dwar il-kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan jghid hekk fl-ewwel sub inciz tieghu;

"*Kull privilegg, ipoteka jew piz iehor, jew trasferiment jew disponiment ta' propjeta jew jeddijiet u kull hlas, esekuzzjoni jew att iehor dwar proprjeta' jew jeddijiet maghmula mill-kumpanija jew kontriha, u kull obligazzjoni li tidhol fiha l-kumpanija fi zmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpanija ghandhom jitqiesu li huma preferenzi bi frodi kontra l-kredituri taghha, kemm jekk ikunu ta' xorta gratwita jew jekk ikunu ta' xorta oneruza jekk jikkostitwixxu operazzjoni taht il-valur jew jekk tinghata preferenza, kemm il-darba l-persuna li favur taghha jkunu saru ma tipprovax li ma kinitx taf u ma kellhiex raguni biex tahseb li l-kumpanija kienet x'aktarx se tkun xolta minhabba insolvenza ufilkaz li l-kumpanija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla.*"

Ghalhekk f'dan il-kaz wiehed irid jiddeciedi l-ewwel meta gie ezattament kostitwit ir-rahan favur is-socjeta attrici u dan biex jigi stabbilit giex kostitwit entor s-sitt xhur imsemmija fil-ligi. Skond il-Kodici Civili (Kapitolu 16)l "*ir-*

*rahan ta' hwejjeg mobbli jigi kostitwit bil-kunsinna lill-kreditur tal-haga moghtija b' rahan...*" (Artikolu 1964). Skond il-provi mressqa hu car li l-

vetturi in kwistjoni kienu ilhom ghand l-attur izda meta kienu gew konsenjati lilu ma kienx hemm originarjament l-intenzjoni li kelhom iservu ta' rahan ghaliex kienet konswetudini bejn il-partijiet illi l-vetturi jintbaghtu mill-ewwel ghand l-attur direttament mid-dwana u kienu jibqghu ghandu sakemm jinbieghu. Fil-fatt skond ix-xhud St. John, huma (il-konvenuti) kienu jghidulu biex jaghmel it-trattament meta jkun sar il-ftehim bejnithom u l-klijent taghhom li jkun se jixtri l-karozza ghax il-klijent kellu anke l-ozioni li jqabbad kuntrattur iehor biex jaghmel dan ix-xoghol. Meta x-xoghol kien isir allura l-vettura kienet tinghata direttament lill-klijent u l-attur kien jithallas permezz ta' kont kurrenti miftuh bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta. Billi r-rahan huwa wkoll kuntratt, jehtieg li jkun hemm l-intenzjoni li jigi kostitwit u ghalhekk ma jistax jigi argumentat li jigi kostitwit permezz tal-konsenja izda meta kien hemm l-intenzjoni li tali konsenja (jew ahjar detenzjoni) kellha isservi ta' garanzija ghall hlas.

F'dan il-kaz ghalhekk jidher li l-intenzjoni li l-vetturi jservu ta' rahan grat meta l-attur insista li jithallas ghaliex kien hemm dewmien eccessiv mis-socjeta' konvenuta (u dan ukoll huwa prova li meta nghatat il-konsenja ma kienx hemm hsieb ta' rahan, ghalkemm id-diretturi tas-socjeta' konvenuta kienu jserrhu ras l-attur li kellu l-vetturi f'idejh). Jidher li dan sar fis-Sajf tas-sena 2000 meta kien evidenti ghal kulhadd inkluz ghalih li s-socjeta' konvenuta kienet f'diffikoltajiet finanzjarji. Dan huwa ndikat mix-xhieda ta' Henry St John fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2004 meta qal; "*Il-ftehim sar meta l-bank dahal over u ovvjament ried ir-records.*" Anke l-istess attur jikkonferma dan indirettament fil-kontro-ezami tieghu. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li fil-waqt li l-vetturi in kwistjoni kienu ilhom ghand l-attur l-intenzjoni li jservu ta' rahan twieldet fis-Sajf tas-sena 2000 proprju ghaliex il-kumpanija kellha problemi

ta’ hlas. L-attur ghalhekk ma setax ma kienx jaf kif jghid l-Artikolu 303 fuq imsemmi ghaliex huwa ccaqlaq proprju ghalhekk. Fil-waqt li wiehed jissimpatizza mieghu

legalment ma jistax jiehu vantagg permezz tal-vetturi li zamm ghandu fuq kredituri ohra li wkoll ghandhom dritt jithallsu. Mill-att legali wkoll jirrizulta li fil-fatt huwa thallas ghall-vetturi li zamm ghandu u l-hlasijiet li qed jitlob u li m’humiex kontestati huma dwar vetturi ohra li kien lahaq ghadda lis-socjeta’ konvenuta u ghalhekk ma jirrizulta ebda privilegg fuqhom. Infatti l-likwiduri accettaw li kellu privilegg fuq dawn is-seba’ vetturi u dan mhux biss gie dikjarat fil-ftehim bil-miktub li sar bejniethom izda jirrizulta wkoll li thallas is-somma ta’ tmien mija, erbgha u tletin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm834.78) proprju ghax-xoghol fuq dawn il-vetturi, fil-mori tal-kawza. Dan ghalhekk ifisser ukoll li dan l-ammont kif sewwa eccepew il-konvenuti ghandu jitnaqqas mis-somma mitluba mis-socjeta’ attrici fic-citazzjoni taghha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ l-ewwel, it-tielet u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tichad it-tieni talba tas-socjeta’ attrici izda tilqa’ l-ewwel u t-tielet talba tas-socjeta’ attrici billi tiddikjaraha kreditrici tas-socjeta’ konvenuta Paola Motors Limited (gia Daewoo Motors Limited) ghas-somma ta’ ghaxart elef, tmien mija u erbgha Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm10,804.75) u tikkundanna lill-istess socjeta’ (fl-ambitu ta’ l-istralc kondott mill-konvenuti likwidaturi) thallas din is-somma lis-socjeta’ attrici.**

**L-ispejjes fic-cirkostanzi jkunu minghajr taxxa bejn il-kontendenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------